**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Mario Formosa**

Numru 44/2013

Illum 3 ta' Novembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mario Formosa**, ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Joseph u Maria nee' Cauchi, imwieled Attard, Malta, nhar it-23 ta' April 1979, residenti fil-fond 'Ave Mar', Triq il-Qortina, Sannat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 235979M, akkuzat talli nhar it-12 ta' Marzu 2013 ghall-habta tal-ghaxra neqsin ghoxrin ta' filghaxija (21.40hrs) gewwa Triq Barda, Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa Marsalforn limiti taz-Zebbug Ghawdex;

1. Volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EPS001 ghad-detriment ta' Ivan Cauchi (ID No. 16668G) liema hsara tammonta ghal aktar minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura bil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni DBP216 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi meta kien involut f'incident b'vettura bil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni DBP216, f'liema incident giet ikkagunata hsara fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EPS001 ghad-dannu ta' Ivan Cauchi (ID No. 16668G) naqas milli jieqaf;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tad-9 ta' April 2013 skont l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

**Il-fatti**

Il-kaz imur lura ghat-tnax (12) ta' Marzu elfejn u tlettax (2013) fejn dahal rapport ghand il-pulizija li trakk kien ghadu kif dahal go vettura

pparkjata fi Triq ta' Barda, Marsalforn limiti taz-Zebbug. Il-pulizija kellmu lil sid il-vettura Ian Cauchi fejn dan stqarr skont l-indikazzjoni li tawh il-pulizija ssuspetta li min dahal gol-vettura tieghu kien certu Mario Formosa li kellu xi kwistjonijiet mieghu. Il-pulizija kellmu lil Mario Formosa. Mario Formosa sostna mal-pulizija li veru kellu kwistjonijiet ma' Ivan Cauchi minhabba suspetti li l-mara tieghu kellha relazzjoni ma' dan Ivan Cauchi. Formosa spjega li dakinhar tal-incident kien ircieva telefonata minghand persuna li infurmatu li aktar kmieni Ivan Cauchi kien jinsab fil-flat ta' martu. Mario Formosa kien nizel biex jara hux veru u fit-Triq Barda innota l-vettura ta' Ivan Cauchi, dak il-hin infixxel, zied l-ispeed u bi zball habat gol-vettura ta' Ivan Cauchi.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti tqis li f'dan il-kaz kif zviluppa l-*parte civile* permezz tal-avukat tal-fiducja tieghu aktar qieghed ifittex il-*pound of flesh* milli titwettaq gustizzja. Il-Qorti waqt it-trattazzjoni finali aktar sthajlitha qeghda f'teatru fejn qeghda ssegwi dak li kiteb William Shakespeare f'**The Merchant of Venice** bil-partijiet quddiem il-Qorti tisthajjilhom Bassonio, Portia, Shylock u Antonio.

*Go with me to a notary, seal me there*
*Your single bond; and, in a merry sport,*
*If you repay me not on such a day,*
*In such a place, such sum or sums as are*
*Express'd in the condition, let the forfeit*
*Be nominated for an equal pound*

*Of your fair flesh, to be cut off and taken*
*In what part of your body pleaseth me.* (1.3.156-163)

**Il-Qorti zgur li mhix se thalli lil hadd ipoggiha f'sitwazzjoni li taghmel vendetta minn xi hadd u dan minhabba intricci romantici tal-passat u/jew tal-prezent.**

Il-*parte civile* thallset tad-danni sofferti kif irrizulta fl-atti izda baqghet issostni li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontrih.

Il-Qorti se zzomm quddiem ghajnejja l-fatt li l-*parte civile* thallas tal-hsara li saritlu fuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni EPS 001 u d-dewmien biex ikun deciz il-kaz aktar minn sentejn u nofs minn meta sehh l-incident.

Illi in linea generali jibda biex jinghad li *l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati*

*ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghall-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi pero c-cirkostanzi ta' kull kaz tant jistghu ikunu partikolari li l-piena prospettata mill-legislatur, anke fil-minimu taghha, ma sserviex biex jintlahaq dak il-bilanc fuq imsemmi. Il-Qorti fil-fatt ghandha l-fakolta li fid-diskrezzjoni taghha, u fejn il-Ligi ma teskludiex l-ezercizzju ta' din il-fakolta, teroga piena li tkun taht il-minimu preskritt fil-ligi.

Illi aktar minn hekk il-Ligi tipprospetta li l-esekuzzjoni ta'sentenza (ta' prigunerija) tigi sospiza ghal perjodu ta' zmien u, jekk ikun opportun, din is-sospensjoni tista' ssir taht ceru kundizzjonijiet, inkluz ordni ta' supervizzjoni u ordni ta' trattament.

---

[1] Ref Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza **Il-Pulizija vs Maurice Agius**[2] dik il-Qorti (anke b'referenza ghas-sentenza taghha stess mghotija fil-kawza **Il-Pulizija vs Anthony Wood**[3]**)** qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta'*

---
[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.
[3] Deciza fit-23 ta' Settembru 1994.

*prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati). Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing "[the]difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' Anthony Wood) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l-piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).*

*Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta`u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza R v. Sargeant: "Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not*

*disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion*[4]*."*

Dwar **<u>l-ewwel (1)</u>** imputazzjoni il-Qorti tirrileva li hu l-kompitu taghha li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha skond il-ligi.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti trid tkun aktar attenta fl-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista legittimament tiddikjara l-htija ta` l-imputat skond il-ligi fejn tidhol din l-imputazzjoni. Qieset kemm qieset ic-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz, din il-Qorti baqghet kolpita minn dubbju. Fi kliem iehor, mehud kollox flimkien, il-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tilhaq il-grad tal-prova rikjesta fil-kamp penali sabiex tigi dikjarata l-htija skond il-ligi taht l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9.

**Il-Qorti ghandha l-impressjoni li l-prosekuzzjoni halliet il-pressjoni tal-*parte civile* tinfluwenzha, tant li anke waqt it-trattazzjoni finali l-**

[4] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

**prosekuzzjoni ma nisslet l-ebda kelma hlief "li toqghod fuq il-provi prodotti" u ghal dak li kellha tghid il-*parte civile.* U dan anke meta l-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-prosekuzzjoni li kienet tasal biex fl-ewwel akkuza ssib htija fuq hsara involontarja izda kif inhi dedotta l-akkuza ma thalliex il-Qorti triq hlief tiddeciedi skont l-artikolu indikat u mhux iehor.**

Fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-**tieni (2) imputazzjoni** l-Qorti rat li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Alfred Mifsud**, il-Qorti enuncjat t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

"***Sewqan traskurat (negligent driving)*** *hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il- kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont (reckless driving)*** *hu deskritt fis-Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il- grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l- probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

***Sewqan perikoluz (dangerous driving)*** *jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dan il-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita tal-incident u l- presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id- disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali l-provi ndizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu jkunu biss soggettivi.

U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghall-konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Illi f'dan il-każ il-Qorti tqis li l-kaz gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-prosekuzzjoni li l-imputat saq b'mod traskurat.

Il-Qorti se ssib htija dwar din il-imputazzjoni imma biss dwar sewqan traskurat.

Il-Qorti qeghda ssib lill-imputat ukoll hati tat-**<u>tielet imputazzjoni (3)</u>** imputazzjoni ghax il-provi kollha jindikaw li l-imputat telaq minn fuq il-post tal-incident u dan johrog mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni kif ukoll minn dak li rrizulta waqt is-smiegh tal-kaz.

**Decide**

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9, Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 u Artikolu 67(1) tal-L.S.65.11 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tiddikjara li l-imputat mhux hati tal-ewwel (1) imputazzjoni minhabba konflitt ta' provi izda ssibu hati tal-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni migjuba kontrih.

Rigward **<u>t-tieni (2)</u>** imputazzjoni l-imputat qieghed ikun ikkundannat multa ta' mitejn u tletin Euro (€230) u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal tmint ijiem li jibdew jiddikorru mil-lum minn nofsillejl u minuta.

U wara li rat ukoll li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hija tal-fehma li jezistu l-elementi rikjesti mill-Ligi taht l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u c-cirkostanzi li sehhew fih, illi dwar it-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twahhal piena, izda li ghandhom jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u il-Qorti qeghda taghmel ordni li biha tillibera lill-hati bil-

kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perjodu ta' sena mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti fissret lil Mario Formosa bi kliem car u li jinftiehem l-effetti tal-ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jaghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-hati jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

---

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**